IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru54 (erbgħa u ħamsin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta, 24 t' Ottubru, 2017, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| | Joseph Azzopardi |
| L-Uffiċjal | Ranier Busuttil |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | |

54.1. Item Nru 54.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

54.1 Kulħadd preżenti u l-Laqgħa bdiet fil-5.38pm

54.2 Item Nru 54.2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti – Il-minuti ttieħdu bħala moqrija.

54.2.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u approvat unanimament.

54.3 Item Nru 54.3 fuq l-Aġenda – Komunikazzjoni mis-Sindku

54.3.1 SSTP – Is-Sindku qal li x-xoghol fuq il-landscaping ghadu sejjer minkejja li kienu qalulna li sal-aħħar ta' Settembru. Is-Sur Valvo informa lil sħabu li ċ-chairman inbidel u bħalissa qiegħed jagħti handover lis-Sur Richard Bilocca.

Il-Kunsill talab biex issir laqgħa tal-Monitoring Committee biex naraw għaliex dan id-dewmien fuq il-landscaping u x'aġġornament hemm fuq it-tender tas-siġar kif ukoll fuq l-irwejjaħ. Il-Kunsill qabel unanimament li nitolbu il-minuti ta' dawn il-laqgħat.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Apparti hekk is-Sur Valvo kompla u qal li lis-Sur Bilocca irridu inkellmuh ukoll fuq il-progett tan-nursery li hemm €100,000 approvati mil-Ministeru tal-Enerġija u l-ilma.

Għalhekk kif ikollna id-data kulħadd huwa mħeġġeġ li jattendi.

Is-Sindku qal li fit-triq li tagħti għal impjant, Triq San Leonardu hemm ħafna ħmieġ ukoll fit triq. Għalhekk irridu nitolbu uffiċjalment lil Cleanisng Department biex jigu bit-trakkijiet bħal ma jagħmlu f'postijiet oħra u jnaddfu. Għal din it-talba nikkupjaw ukoll lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Deo Debattista.

54.3.2 Recreational centre – Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-Perit Charles Buhagiar fejn dan qallu li Anton Schembri ta' Schembri Barbros qiegħed jaħrab minna u jekk jibqa jirrifjuta li jiltaqa' magħna ikollna nieħdu passi legali.

Il-Perit Charles Buhagiar fl-istess laqgħa ippreċenta l-BOQs u l-Kunsill qabel li it-tender joħrog separatament, tal-madum għalih u tal-aperturi għalih.

54.3.3 Is-Sur Valvo qal li il-Kunsill talab laqgħa mal-Onor. Clifton Grima, Is-Segretarju Parlamentari risponsabbli fuq Sport u qiegħdin nistennew biex ituna data. Għal din il-laqgħa ser nitkellmu dwar il-jogging track li kienet imwiegħda mis-Segretarju Parlamentari preċedenti l-Onor. Chris Agius.

54.3.4 Gal xlokk – Is-Sindku qal li dwar il-proposta tal-Gal Xlokk biex napplikaw għal tisbieħ tal-Fort Park il-Perit Robert Ellul qiegħed jaħdem fuq il-BOQs u fuq il-pjanta beix inkunu nistgħu nippreżentawa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

54.3.5 EU funds hitan tas-sejjiegh - Is-Sur Valvo qal li l-Kunsill applika għal dawn il-fondi bl-għajnuna wkoll tal-MEUSAC fejn assistewna biex timtela l-applikazzjoni.

54.3.6 Skips tax-Xatt – Is-Sindku ppropona li l-iskips il-ħodor tax-xatt jitneħħew minn nhar l-1 ta' Novembru. Il-Kunsill qabel unanimament.

54.4. Item Nru. 54.4 fuq l-Aġenda – Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

54.4.1 Is-Sur Neil Attard staqsa jekk hux possibbli li ssir kaxxa safra quddiem garage fi Triq Alof de wignacourt minħabba li qed jipparkjaw il-karozzi quddiemu. Il-Kunsill qabel li jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex issir.

54.4.2 Is-Sinjura Buttigieg staqsiet dwar il-Belishia lights ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja u s-Sindku qallha li applikajna ma' Transport Malta u qiegħdin jippjanaw biex jagħmluha.

54.4.3 Is-Sinjura Buttigieg staqsiet jekk hemmx xi aġġornament fuq il-magħqad ta' Triq il-Fabbriki quddiem Antoinette. Is-Sindku qal li għadna qed nistennew mingħand Transport Malta minkejja li hemm kollox bl-iswed fuq l-abjad li ix-xogħol kien sar ħazin mil-bidu nett.

.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

54.4.4 Is-Sinjura Buttigieg staqsiet meta ser nibdew induru iż-żebgħa tat-toroq minħabba li ħafna minnha iċċarat kif ukoll anke it-tabelli li issaddu ħafna. Is-Segretarju qal li bħalissa għandna xogħol li qiegħed isir fuq il-van biex inkunu nistgħu nirrangawh ser ħalli jitla għat test tal-VRT imbgħad inkunu nistgħu nagħmlu dan it-tip ta' xogħol li jeħtieg l-użu tal-van.

54.4.5 Is-Sinjura Antonio Buttigieg staqsiet jekk nistgħux nixtru żewġ bins oħra tal-ħmieġ tal-klieb għal Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Kulħadd qabel.

54.4.6 Is-Sinjura Doris Borg qalet li attendiet għal seminar tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar l-immaniġġjar tal-iskart fejn għamlu proposti interessanti. Fost dawn il-proposti kien hemm l-infurzar li ser jibda jsir u ser jittieħdu passi kontra kull min jinqabad jikser il-liġi. Għalhekk ser jiġu aktar infurzati l-multi.

54.4.7 Is-Sinjura Borg qalet li attendiet għas seduta l-Awtorita tal-Ippjanar fuq l-appell tal-applikazzjoni biex isir diving centre fi Triq l-Awrat u qalet li dan l-appell ġie differt għal nhar l-1 ta' Frar fit-3pm.

54.4.8 Is-Sinjura Borg staqsiet fuq il-Bus Shelter ta' fejn il-Knisja jekk kellniex risposta dwaru. Is-Sindku qal li s' issa ma kellnix risposta u għalhekk jeħtieġ nibgħatu reminder.

54.4.9 Is-Sinjura Borg ipproponiet li minħabba r-raġuni li ġieli jonqos xi ħadd mix-Xgħajra jew li jkollu qraba mix-Xgħajra u ma nkunux infurmati għandna niktbu lill-Arċipriet Evan Cassar biex jibda jinfurmana b'min imut

54.4.10 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet fuq kemm hu possibbli li nibdew norganizzaw Clean up the World darba fix-Xahar. Kulħadd qabel u li naħdmu aktar fuqha.

54.4.11 Is-Sur Joseph Azzopardi informa lil kunsill li kellu laqgħa ma' Peter Busuttil dwar l-istrina fejn hemm qalulu sabiex bħala Kunsill naħsbu f'artisti mil-lokal li jkunu jistgħu jagħmlu esebizzjoni tat-talent tagħhom il-Belt f' attivita bejn l-1 u t-3 ta' Diċembru b'risq il-Community Chest Fund. Għalhekk staqsa lil Kunsill biex nindividwaw tlett artisti u nistaqsuhom.

54.5. Item Nru 54.5 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

54.5.1 Pagamenti b'numru 65 ġew approvati b'astenzjoni waħda.

54.6. Item Nru. 54.6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

54.6.1 Is-Sur Joseph Azzopardi qal li hemm bżonn li jinqata' il-qasab ta' Triq Dwardu Ellul fil kantuniera ma' Alof De Wignaocurt.

54.6.2 Is-Sindku qal li hemm proposta ta' Keep fit classes b'xejn minn Lydia Ellul u jibdew isiru nhar ta' Sibt. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

54.7. Item Nru. 54.7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

54.7.1 Is-Sinjura Buttigieg qalet li l-ħarga kulturali li jmiss ser issir nhar it- 2 ta' Novembru u din id-darba ser imorru is-Siġġiewi il-Limestone quarry.

54.8. Item Nru. 54.8 fuq l-Aġenda - Aġġornament

54.8.1 Il-laqgħa ntemmet fit-6.55pm

Aġġornament għal-nhar it-Tlieta 28 ta' Novembru, 2017 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________________ | ______________________ |
| Ranier Busuttil | Anthony Valvo |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |